**Stqarrija għall-istampa**

**Bidliet kbar istituzzjonali u soċjetali huma meħtieġa għall-ġlieda kontra l-femiċidju**

Il-femiċidju brutali ta' Bernice Cassar, allegatament minn żewġha, huwa tfakkira qawwija li s-soċjetà u l-istituzzjonijiet tagħna għandhom triq twila quddiemhom biex jindirizzaw b'mod effettiv il-pjaga tal-vjolenza kontra n-nisa. Bernice Cassar hija t-tielet vittma ta' femiċidju din is-sena.

Bernice Cassar ressqet diversi rapporti ta' vjolenza domestika kontra żewġha sa ġurnata qabel il-qtil tagħha. Kienet ċara li kienet qiegħda tibża' għas-sigurtà tagħha u għas-sigurtà ta' wliedha u għamlet dak kollu li setgħet biex iżżomm lilha nnfisha u lil uliedha siguri.

Huwa mnikket kif ukoll allarmanti li, minkejja l-azzjonijiet kollha tagħha, Bernice Cassar inqatlet kiesaħ u biered fid-dawl tax-xemx. Is-sistema falliet lilha kif ukoll lin-nisa l-oħra kollha li l-esperjenzi tagħhom ta' vjolenza u abbuż għadhom jiġu mminimizzati jew imwarrba. Minkejja l-avvanzi legali notevoli li jindirizzaw il-vjolenza fuq in-nisa, l-appoġġ soċjali, l-infurzar tal-liġi u s-sistemi ġudizzjarji, dawn għadhom ferm 'il bogħod milli jipproteġu b'mod adegwat lin-nisa mill-aggressuri li jwettqu vjolenza fuqhom.

Għandu jiġi enfasizzat li l-femiċidju huwa t-tmiem estrem ta' vjolenza kontinwa li joriġina minn soċjetà patrijarkali fejn xi rġiel iħossuhom intitolati li jeżerċitaw poter u kontroll fuq in-nisa. Ilbieraħ ukoll, rajna kif ġurnalista sportiva mara ġiet insultata u umiljata bl-aktar mod sessist u diżgustanti minn kummentaturi fuq il-midja soċjali li l-maġġoranza tagħhom kienu rġiel. Filwaqt li l-bidla istituzzjonali hija importanti ħafna, il-bidla fis-soċjetà hija wkoll essenzjali sabiex jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tal-vjolenza kontra n-nisa. Diskors politiku u pubbliku b'saħħtu li jappoġġja d-drittijiet tan-nisa jista' jkun katalist biex din il-bidla sseħħ.

Il-ġustizzja għal Bernice Cassar u għall-vittmi l-oħra kollha tal-femiċidju u l-vjolenza kontra n-nisa se tinkiseb tassew biss meta l-istrutturi soċjali u istituzzjonali tagħna jibdew japprezzaw u jirrispettaw in-nisa u l-esperjenzi tagħhom b'mod ugwali.

Il-Kummissjoni tinnota li kontinwament in-nisa qegħdin jagħmlu l-almu kollu tagħhom sabiex jipproteġu lilhom infushom mill-vjolenza tas-sieħeb intimu, inkluż il-femiċidju, mingħajr suċċess.

Aħna nistaqsu: x'jistgħu jagħmlu aktar in-nisa sabiex l-istituzzjonijiet jisimgħu t-talba tagħhom għall-għajnuna u jipproteġuhom b'mod adegwat biex ikomplu jgħixu ħajja paċifika?

**23 ta' Novembru 2022**